MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Numru. 1449/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**MARK ANTHONY FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Anthony Farrugia, ta’ 35 sena, iben Vincent u Anna Maria nee’ Attard, imwieled Sliema fis-6 ta’ April 1972, residenti gewwa ‘Sea Breeze’, Flat 2, Triq it-Turisti, Qawra u detentur ta’ Karta ta’ l-Identità bin-numru 150272(M).

Illi huwa akkuzat talli bejn Novembru 2006 u Frar 2007 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet different, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht

titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ammont ta' aktar minn mitt lira (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira (1000) ghad-detriment tal-Maltapost plc, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4)u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Mark Anthony Farrugia, hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikoli 18, 293, 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta'Malta tillibera lill-imputat Mark Anthony Farrugia bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u il-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha lill-kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------